# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru: 431/2019MH**

**Illum, 14 ta' Jannar, 2022**

**Ismijiet:**

**George Ciappara (K.I. Nru. 803850M)**
**f'ismu propju u bħala mandatarju ta'**
**martu Carmen Ciappara (K.I.Nru. 803949M)**

**Vs**

**Dennis Attard (K.I Nru. 535975M)**
**U**
**Graziella Attard (K.I. Nru 538876M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess illi:

*Jesponi bir-rispett, u bil-ġurament tiegħu, George Ciappara (K.I. Nru. 803850M) f'ismu proprju u f'isem Carmen Ciappara (K.I. Nru. 803949M), kif debitament awtorizzat minna permezz ta' mandat, li vera kopja tiegħu qiegħda tkun hawn annessa u mmarkata Dok. A, jikkonferma ILLI:*

*<u>Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>*

1. *Permezz ta' skrittura ossia konvenju datat erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), li vera kopja tagħha qiegħda tkun hawn annessa u mmarkata Dok. B, il-vendituri (hawn intimati) obbligaw ruħhom in solidum illi jbiegħu, jassenjaw u jitrasferixxu favur ix-xerrejja (hawn rikorrenti), illi min-naħa tagħhom obbligaw ruħhom li jixtru u jakkwistaw garage li jinsab fis-sular ta' fuq tal-iskantinat ("upper basement level") u li jinsab kemm fuq u kemm taħt proprjetà tas-soċjetà terza Romeo Romano Limited jew l-avente causa tagħha, internament immarkat bin-numru tnejn u għoxrin (22), u li jifforma parti minn kumpless ta' garages li għandhom aċċess komuni fuq Triq il-Madonna tal-Karmnu, in preċedenza triq bla isem u li tmiss ma' Triq l-Imsida, Santa Venera, liema garage jmiss fuq il-punent mid-drive in imsemmi u mit-tramuntana u min-nofsinhar ma' proprjetà ta' terzi, kif muri u mmarkat bil-kulur isfar fil-pjanta hawn annessa u mmarkat DOK. Ċ, meħuda minn, u liema garage kellu jiġi hekk mibjugħ, assenjat u trasferit favur ir-rikorrenti liberu u frank skond dawk id-drittijiet u obbligi msemmija fil-konvenju de quo, u dan għall-prezz ta' sbatax-il elf ewro (€17,000).*

2. *Se jirriżulta lil din l-Onorabbli Qorti illi l-intimati abdikaw mill-obbligi tagħhom skond il-konvenju, tant li sad-data tal-għeluq tat-terminu tal-konvenju kif miftiehem (u anke sal-lum) għadhom inadempjenti.*

3. *L-intimati ġew interpellati jirregolaw ruħhom diversi drabi, kemm verbalment, kemm bil-miktub, u saħansitra b'ittra ġudizzjarja magħmula wkoll bl-effetti tal-artikolu 1357(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta (datata tlieta (3) ta' April elfejn u dsatax (2019) u enumerata 1274/2019). madanakollu l-intimati baqgħu inadempjenti.*

4. *Ir-rikorrenti jridu jakkwistaw din il-proprjetà fl-istat u bil-komun li hemm illum skond kif imwiegħed fil-konvenju surriferit.*

5. *Ir-rikorrenti George Ciappara (K.I. Nru. 803850M)) f'ismu proprju u f'isem ir-rikorrenti l-oħra (kif debitament awtorizzat), jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Raġuni tat-Talba*

1. *Għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.*

*Talbiet:*

*Jgħidu għalhekk, l-intimati, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:*

1. *Tikkonferma u tiddikjara li l-intimati naqsu mill-obbligi tagħhom skond kif miftiehem fil-konvenju tal-4 ta' Jannar 2019;*

2. *Tiddikjara u tikkonferma illi l-intimati huma marbutin ibiegħu, jassenjaw u jitrasferixxu favur ix-xerrejja George u Carmen konjuġi Ciappara garage li jinsab fis-sular ta' fuq tal-iskantinat ("upper basement level") u li jinsab kemm fuq u kemm taħt proprjetà tas-soċjetà terza Romeo Romano Limited jew l-avente causa tagħha, internament immarkat bin-numru tnejn u għoxrin (22), u li jifforma parti minn kumpless ta' garages li għandhom aċċess komuni fuq Triq il-Madonna tal-Karmnu, in preċedenza triq bla isem u li tmiss ma' Triq l-Imsida, Santa Venera, liema garage jmiss fuq il-punent mid-drive in imsemmi u mit-tramuntana u min-nofsinhar ma' proprjetà ta' terzi għall-prezz hemm patwit ta' sbatax-il ewro (€17,000), li minnhom għandhom jiġu mnaqqsa d-depożitu ta' elf u seba' mitt ewro (€1,700) diġà maħruġin mir-rikorrenti u depożitati għand in-Nutar Dottor Roderick Caruana;*

3. *Tiffissa l-ġurnata, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku ta' trasferiment tal-immobbli fuq deskritt, taħt il-kundizzjonijiet skond it-talbiet preċedenti, u tordna lill-intimati jidhru għall-pubblikazzjoni fil-ġurnata, ħin u lok hekk iffissat;*

4. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' bejgħ relattiv fil-ġurnata, ħin u lok stabbiliti skond it-talba preċedenti, u tinnomina kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata (3) ta' April elfejn u dsatax (2019) u enumerata 1274/2019, u bl-imgħax legali kontra l-intimati, li jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat li nonostante li mad-daqqa t'għajn kien jidher li dan l-istess rikors ġuramentat kien ġie debitament notifikat bil-proċedura kontempleta fl-artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konvenuti baqgħu ma preżentaw ebda risposta ġuramentata, tant li anke nbdew il-provi ta' l-atturi fl-assenza tal-konvenuti.

Rat li wara x-xhieda mressqa mill-atturi ġie preżentat rikors mill-konvenuti biex din il-Qorti tiddikjara lil kontumaċja tagħhom kienet ġustifikabli u mhux kolpuża u b'hekk jiġu meħlusa minnha ukoll biex jiġi prefiss terminu t'għoxrin jum sabiex jressqu r-risposta maħlufa tagħhom.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors in eżami li jressaq t-talba għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tal-konvenuti huwa msejjes fuq l-argument illi dawn ma ġewx debitament notifikati. Jgħidu anzi li huma saru jafu b'dawn il-proċeduri biss ftit jiem qabel ma ġie intavolat l-att in eżami għaliex kienu ġew notifikati bil-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1560/2020MH.

Kienu fuq skorta u minħabba ta' dan li huma saru jafu tramite l-avukat tagħhom bil-pendenzi ta' din il-kawża. Ukoll li ġew meqjusa kontumaċi.

Spjegaw li huma kienu jirrisjedu fil-fond bl-indirizz 121, Triq l-Imsida, Santa Venera u esebew dokumentazzjoni uffiċjali ta' dan, Dok DA[1] u Dok GA[2], il-karti ta' l-identita' rispettivi tagħhom. Saħħu ukoll li kif jidher mill-istess konvenju mertu ta' din il-kawża dan kien propju l-indirizz minnhom indikat flimkien m' ieħor imsemmi fl-istess rikors in eżami.

---

[1] Folio 64

[2] Folio 65

Jargumentaw li effettivament l-atti ġew fil-fatt notifikati bil-proċeduri ta' affissjoni u pubblikazzjoni pero' fl-indirizz 12, **mhux 121**[3], Msida Street, Santa Venera, għalhekk in-notifika kienet waħda nvalida.

Da parti tagħhom l-atturi opponew dan bir-risposta apposita.[4] Ikkontendew illi jekk ma saritx attentat ta' notifika wara l-ħinijiet legali, kif kienet il-kritika lejhom mir-rikorrenti, dan kien imputabbli lil uffiċjali tal-Qorti u ma kienx per se jaffettwa l-validita' tan-notifika. Konċess li din ma saritx pero jikkontendu li l-affissjoni kienet waħda korretta u għal dan l-iskop jiċċitaw dik il-parti tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12 fejn il-Qorti tista tordna li ssir in-notifika *"..billi twaħħal kopja tal-att fil-post , fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħargu fil-qosor fil-Gazetta u f'gurnal ta' kuljum wieħed jew aktar skont kif il-Qorti tiddeċidi.."*

Jiċċitaw ukoll is-sentenza **Micallef vs A&M Printing Co.Ltd**. tat-22 ta' Settembru, 2015 ikkonfermata mil-appell fit-23 ta' Settembru, 2020 biex issaħħu l-argument li *"...l-affissjoni mar-residenza mhux bil fors skont l-istess sub-artikolu."*

Issostnu illi n-notifika kienet waħda valida ai terminu tal-liġi konsegwentement kellha tiġi sostnuta l-kontumaċja tal-konvenuti.

Semgħet it-trattazzjonijiet

Ikkunsidrat

Illi mill-eżami tal-atti jirriżulta illi l-ewwel notifika tħallset biex issir fit-tieni indirizz indikat mir-rikorrenti konvenuti, f'sit ta' negozju. Din tat riżultat negattiv.[5]

Tħallsu diversi notifiki oħra ukoll fuq it-tieni fond indikat. Ukoll kienu negattivi, ukoll jidhru li saru fil-fond imsemmi. Ġia minn folder jidher li kien ġia indikat pero' maqtugħ l-indirizz ta' 12, Msida Road, Santa Venera.[6]

---

[3] Enfasi tal-Qorti.
[4] Folio 68
[5] Folio 28.tħallsu notifi
[6] Folio 29

Konsiderando dawn l-attentati bla suċċess il-Qorti għaddiet biex tawtorizza ukoll lin-notifika ssir wara il-ħinijiet legali ukoll bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni.[7]

Reġgħet saret tenattiv ta' notifika fl-indirizz alternattiv ta' Luqa. Ukoll fin-negattiv.[8]

Kif jidher mill-folder a folio 34 *(tergo)* l-affissjoni saret . L-indirizz imniżżel fuq l-istess folder jaqra bla dubju **12, Msida Road Santa Venera.**

L-indirizz kif rifless fid-digriet ta' din il-Qorti kif maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti Superjuri[9] ukoll kif jidher fil-Gazzetta tal-Gvern[10] u dik ta' ġurnal lokali[11] kollha jġibu l-istess indirizz suriferut dak ta' **bin-numru 12.**

Bħala provi u sostenn tat-talba tagħhom għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tressaq jixhed rappreżentant ta' Identity Malta; Joseph Rivan. Dan xehed lil konvenuti bil-karti ta' l-identita' ġia indikati kienu reġistrati li jirrisjedu fil-fond bl-indirizz 121, Triq l-Imsida, Santa Venera.

Xehdu ukoll il-konvenuti nnifishom. Graziella Attard ikkonfermat dan l-aħħar indirizz bħala dak residenzjali tagħha għal dawn l-aħħar erbatax il-sena. Ikkonfermat li kien l-istess indirizz li kellha fuq il-karta ta' l-identita'. Qalet ukoll li fir-rigward tal-kontestazzjoni *de quo agitur* kienet irċeviet biss ittra u wara sena u nofs mandat ta' inibizzjoni.

Murija r-rikors ġuramentat bl-annessi miegħu inkluż l-ewwel digriet ta' din il-Qorti, allura sa folio 15 tal-proċess, xehdet li qatt ma kienet rat l-istess.

Da parti tiegħu Dennis Attard qal li qabel ma ssepara minn ma martu, sena u nofs sentejn ilu, hu magħha kien jgħix fil-fond 121. Ukoll ikkonferma li hu qatt ma kien irċieva l-atti promoturi ta' din il-kawża u li kienu rċevew biss il-mandat ta' inibizzjoni msemmi.

[7] Folio 32
[8] Folio 33
[9] Folio 37
[10] Folio 51
[11] Folio 52

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tgħarbel dak kollu prodott huwa opportun li ssir referenza għal ġurisprudenza fil-kamp ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.

Interessanti għat-tematika in konsiderazzjoni dak li ġie ċitat mill-Qorti tal-Appell Ċivili fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Bergedahl noe vs Francis Formosa**[12]**,** intqal;

*"F'dan l-istadju, il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak li ntqal minn din il-Qorti fil-kawża* ***Three Barrels Ltd. v. Schembri et****, deċiża fit-13 ta' Lulju, 2001, dwar il-ħtieġa li l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tiġi segwita rigorożament:*

*"Dan l-artikolu jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jiġi assigurat in-notifika t' att bil-proċedura hekk imsejjħa "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".*

*"(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali;*

*"(b) illi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta;*

*"(c) illi l-iskrittura jew att jinħarġu f'ġurnal ta' kuljum, wieħed jew aktar minn wieħed, skond kif il-Qorti tiddeċiedi.*

*"Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jinġiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jiġu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konġuntiv "u" għandu jingħata l-piż sħiħ tiegħu. Ma' dawn it-tlett rekwiżiti għan-notifika valida permezz ta' din il-proċedura kellu jiżdied rekwiżit ieħor, ukoll meħtieġ ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun magħruf ", illi titwaħħal kopja tal-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jiġix provat illi jkun sar dak li l-liġi tesiġi bħala minimu għal notifika valida fit-termini tas-subinċiż 3 tal-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-liġi."*

[12] Appell Ċivili 128/2007/1 6/5/2011

*Il-konvenut jissottometti, fl-ewwel lok, li r-riferta "Gżira" għat-twaħħil tal-kopja tal-att mal-bieb tar-residenza hija ħażina, għax ma tindikax fejn saret l-affissjoni. Dan l-argument, pero`, mhux validu. L-Artikolu 188 tal-istess Kap. 12 jipprovdi li r-riferti għandhom jindikaw l-isem u l-kunjom tal-persuna li lilha kellu jiġi notifikat l-att, u "il-post fejn l-att ġie notifikat"; ma tesiġix li r-riferta tindika l-indirizz sħiħ.* ***Dak li hu importanti, għall-fini tal-Artikolu 187(3), hu li kopja titwaħħal mal-bieb ta' dik ir-residenza***[13]*. Anke jekk riferta tista' titqies redatta mhux eżattament konformi mal-liġi, la darba jirriżulta ppruvat li l-att twaħħal, allura l-vot tal-liġi jkun sodisfatt.*

*Kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawża* ***Elmo Insurance Ltd. et. v. Mangion****, deċiża fit-12 ta' Jannar, 2005, "hi ammissibbli kull prova li tista' twassal għal konvinċiment morali tal-Qorti dwar il-fatt tan-notifika tal-att de quo" (ara wkoll* ***Sacco v. Agius****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2006).*

*Il-konvenut jgħid li hu, f'kull każ, ma sab ebda att imwaħħal mal-bieb tar-residenza tiegħu. Din il-Qorti ma tarax li din il-affermazzjoni, anke jekk emnuta, twassal għal ħelsien tal-konvenut mill-istat tal-kontumaċja. L Artikolu 187(3) irrid biss il-pubblikazzjoni f'ġurnal u fil-Gazzetta tal-Gvern, u li "titwaħħal" kopja mal-bieb; la trid li dak li jkun ikun qara l-ġurnal, u lanqas li jinduna bl-att mal-bieb tiegħu. Il-liġi timponi kriterji oġġettivi u darba jirriżulta li dak li trid il-liġi twettaq, il-konvenut f'kawża għandu jitqies notifikat għal kull fini u effetti tal-liġi.*

*Ma jkunx loġiku li l-konvenut jitħalla jeħles min-notifika billi jgħid li hu ma rahx l-att mal-bieb tar-residenza tiegħu; kieku dan jiġi aċċettat, jiġi stultifikat l-iskop tal-liġi. Il-liġi trid tagħti l-pubbliċita` l-aktar ampja possibbli għall-avviż ta' kawża, pero`, fl-aħħar mill-aħħar, trid timponi test oġġettiv għax altrimenti dak li jkun ikun jista' dejjem issib mezz kif jaħrab min-notifiki. Kieku l-liġi riedet prova li l-att imwaħħal mal-bieb jinqara mill-persuna li ġie notifikat, mhux biss dan kienet tgħidu, iżda wkoll ma kinitx tinsisti fuq pubblikazzjoni tal-att, għax la darba l-att jinġabar, innotifika tkun saret! Id-diversi mezzi ta' pubbliċita` li tipprovdi l-liġi ġew magħmula biex jindikaw, iuris et de iure, notifika personali u darba dak li trid il-liġi ġie esegwit, il-parti hekk notifikata ma tistax taħrab mill-effetti tal-istess.*

---

[13] ENFASI TA' DIN IL-qORTI

*Kieku l-Qorti kellha tadotta test soġġettiv, dan mhux biss jagħti lok għal abbuż, iżda jiġi imminat l-effett ta' res iudicata, peress li jinfetħu wkoll il-bibien għar-ritrattazzjoni a bażi tal-Artikolu 811(b) tal-istess Kap. 12, b'mod li sa ħames snin wara s-sentenza, dak li jkun jista' jattakka d-deċiżjoni billi jgħid li ma kienx ġie notifikat – għax ma sabx l-affissjoni mal-bieb!*

*Kif ġia` ingħad, jekk nesiġu li dak li jkun ikun effettivament induna bl-affissjoni, allura ma jkunx hemm lok la għall-pubblikazzjoni u lanqas għall-affissjoni mal-Għassa u l-Kunsill Lokali, għax dawn ikunu inutili – għax il-Qorti trid tkun ċerta li l-konvenut qara l-kopja imwaħħla mal-bieb tiegħu. Il-liġi, pero`, ma titlobx dan: hi tipprovdi għall-pubbliċita` l-aktar wiesgħa possibbli, iżda ma tesiġix li dak li jkun induna bl-att ippubbliċizzat. Jekk se nesiġu qari tal-att, allura n-notifika tkun trid issir dejjem bil-purtier u personali, u ma jkun hemm qatt skop ta' notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni. Dan jikkonferma l-oġġettivita` tal-proċedura.*

*Wieħed irrid ifakkar ukoll li l-ġurament tal-konvenut, f'dan il-każ, mhux kontrollabbli u hu differenti minn ġurament dwar meritu li huwa kontrollabli mill-parti l-oħra li jista' jressaq provi kuntrarji. F'dan il-każ jekk il-konvenut jgħid li ma sabx l-att mal-bieb, m'hemmx x'tagħmel, la mill-parti l-oħra u lanqas mill-Qorti, għax ma tistax tikkontradixxi dik l-istqarrija.*

*Huwa minħabba l-impossibbilita` ta' kontradizzjoni li l-liġi timponi test oġġettiv: jekk ġew esegwiti l-proċeduri li trid il-liġi, allura n-notifika saret.*

*Il-konvenut ilmenta wkoll mill-fatt li, qabel in-notifika ai termini tal-Artikolu 187(3), ma sarx tentattiv ta' notifika wara l-ħinijiet legali. Hu veru li ma jidhirx li sar tentattiv b'dan il-mod, pero`, il-liġi ma tesiġix dan. Dan l-artikolu jawtorizza n-notifika bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni jekk "id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir". F'dan il-każ saru, tista' tgħid, tlett tentattivi ta' notifika: darbtejn mill-purtier f'Marzu tal-2007,u darba oħra f'April qabel ma sar it-twaħħil effettiv tal-att, kif spjega l-uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti. Hu ċar li ma setax jinkiseb aċċess b'mod normali għall-post, u kwindi kellha tintuża din il-proċedura. Hu desiderabbli li qabel ma tintuża din il-proċedura jsir tentattiv ta' notifika wara l-ħinijiet legali, pero`, in-nuqqas li jsir dan, ma jwassalx għan-nullita` tan-notifika."*

Mela huma żbaljati l-atturi/intimati meta jargumentaw li l-affissjoni kienet biss inkludenti *"..billi twaħħal kopja tal-att fil-post , fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew aktar skont kif il-Qorti tiddeċiedi.."* għax il-liġi tkompli li *"meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun magħruf"* titwaħħal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza.

Kif sew argumentaw il-konvenuti tant kien magħruf l-indirizz ta' residenza tagħhom li dana kien imniżżel ċar u tond fuq il-konvenju li fuq kollox huwa l-mertu ta' dawn il-proċerduri, ċioe l-infurzar tiegħu. Għalhekk ftit u xejn tista' tifhem il-Qorti l-insistenza ta' l-atturi li jippruvaw dejjem in-notifika f'indirizz alternattiv tal-ħanut/negozju li dejjem baqa' jinsab magħluq jew li fih ma jiftaħ ħadd. Oltre hekk lanqas ma jagħmel sens illi issir affissjoni u pubblikazzjoni fi u b'referenza għall-indirizz żbaljat. Ċertament tali notifika ma tissodisfax il-vot tal-liġi u tmur kontra n-nazzjon ta' pubbliċita' pern ta' din il-forma tan-notifika. Kien imperattiv għal dan l-iskop, la l-indirizz tar-residenza kien magħruf, li jitwaħħal kopja ta' l-atti <u>mar-residenza ġusta</u>. Kif spjegat dan it-twaħħil jivvalida n-notifika, ċioe jissodisfa t-test oġġettiv għal skop ta' notifika.

Oltre kif sew spjegat fil-ġurisprudenza riferuta in-nuqqas ta' attentat ta' notifika wara l-ħinijiet legali ma jinċidi xejn fuq il-validita' tan-notifika b'affissjoni u pubblikazzjoni.

Fir-rigward tas-sentenza li għamlu għalija l-atturi respondenti għar-rikors in eżami l-Qorti tara li l-atturi għażlu li jissiltu mill-istess deċiżjoni frażi li kienet takkomoda t-teżi tagħhom. Fil-fatt fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Micallef vs A&M Printing Ltd** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri[14] ġie deċiż hekk:

> *"Ma jirriżultax li kien hemm xi ċirkostanzi li kellhom iwasslu lill-konvenuta sabiex tkun taf jew tissuspetta li l-attur ma baqax jgħix fid-dar tal-Imsida. Għaldaqstant, il-post tar-residenza tal-appellant ma kienx magħruf għall-kumpanija appellata. Skont Art. 187(3) tal-Kap. 12* ***hu biss fejn hu magħruf il-post tar-residenza tal-persuna li għandha tiġi notifikata, li hemm bżonn li titwaħħal kopja tal-att ġudizzjarju mal-bieb ta' dik ir-residenza.(enfasi ta' din il-Qorti)*** *F'dan il-każ hu evidenti li l-*

[14] 23 ta' Novembru, 2020

*appellanti ma kellhiex tagħrif dwar il-post tar-residenza tal-appellant. Għaldaqstant, in-notifika li saret hi xorta valida".*

Dan ikompli għalhekk isaħħaħ l-argument tal-konvenuti li kellu jitwaħħal l-att konċernat mal-bieb tar-residenza **magħrufa** tagħhom biex in-notifika tal-istess att tingħad bħala valida dan oltre l-pubblikazzjoni ta' l-istess att kif trid il-liġi.

Deċiżjoni interessanti fir-rigward tan-natura tal-kontumaċja, u l-possibilta' ta' ġustifikazzjoni meta mhux kopuża hija dik espressa fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April 2003 fl-ismijiet "**Waldonet Limited vs David Thake**":-

> *"Il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' l-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali.*
>
> *"Fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikata.*
>
> *"Meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumaċja ta' persuna mħarrka hija ġustifikata u tħalli lil dik il-parti tressaq id-difiża tagħha, ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qegħda tikkastiga lill-attur, imma biss treġġa' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-aħjar istruzzjoni tal-ġudizzju. Wara kollox, kull min jiftaħ kawża kontra parti oħra*

*(għalkemm forsi jittama għall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-oħra, malli tirċievi l-atti taċ-ċitazzjoni sejra tressaq il-kontestazzjoni tagħha.*

*"Il-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (c) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sodisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irrid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irrid ikun żball invinċibbli b'mod li (g) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irrid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala una neċessita' impellente di chiamata ad altri doveri impresċindibili; u (h) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali.*

*"Sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qisu li jagħmlu differenza bejn il kontumaċja ta' tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa żminijiet riċenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-ieħor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawża u li ma laħaqx għamel dan għal raġuni li ma kienx jaħti għaliha.*

*"Minbarra dan u bil-ħsieb li tingħaraf aħjar il-kontumaċja li tisfida lill-awtorita' tal-Qorti minn dik imġarrba minn ċirkostanzi validi, xi deċiżjonijiet ta' dawn l-aħħar żminijiet seħqu li biex tissusisti l kontumaċja tal-ewwel għamla din trid tkun kemm fl-atti tal-kawża u kif ukoll fl-udjenza, imfisra din fis-sens sħiħ tal-kelma.*

*"Dwar x'iwassal lill-kontumaċja biex titqies bħala waħda kolpuża ingħad li l-kolpa tikonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti*

*imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf.. Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet privati tat-terzi persuni li jirċievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ.*

*"Għal dak li jirrigwarda l-kontumaċja maħluqa minħabba l-imġieba jew l-operat ta' terza persuna in partikolari avukat, il-Qrati tagħna għarfu bejn dawk il-każijiet fejn l-imġieba t' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mħarrka waslet biex din taqa' kontumaċi (f'liema każ il-Qorti normalment tipermetti li l-imħarrek jitħalla jikkontesta l-kawża) minn dawk fejn il-parti mħarrka ma tersaqx għand avukat f'waqt xieraq, jew tibqa' tittratjeni sal-aħħar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss m' avukat b'impenn serju li ma tħallix iż-żmien għat-tressiq ta' Nota tal-Eċċezzjonijiet jgħaddi għal xejn.*

*"Il-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-audi alteram partem jitfa' responsabilta' mhux żgħira fuq il-ġudikant li jgħarbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi waħda mill-partijiet li tiġi miżmuma milli tressaq il-każ tagħha quddiem it-tribunal li jkun."*

Magħmula din ir-referenza l-Qorti m'għandha ebda dubju li hawn non si tratta ta' kontumaċja kolpuża imputabli lill-konvenuti. Oltre che!. Kienu l-atturi li bla tlaqliq ħadu falza stika f'dan.

**Konsegwentement il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet kif dedotti u tiddikjara li l-kontumaċja tal-konvenuti hija ġustifikabbli u mhux kolpuża u b'hekk qegħda teħlishom minnha;**
**U**
**Konsegwentement tipprefiġġi lill-konvenuti t-terminu t' għoxrin jum sabiex jressqu ir-risposta maħlufa tagħhom.**

**0Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**